

It-Tlieta 21 ta' Settembru 2010

- B. billi l-għan tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 5/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2010,
- C. billi l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-13 ta' Settembru 2010,
1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 5/2010;
 2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 5/2010 mhux emendat u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 4/2010 ġie adottat b'mod definittiv u jirraġa għall-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-investigazzjoni u l-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili *I**

P7_TA(2010)0321

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili (COM(2009)0611 – C7-0259/2009 – 2009/0170(COD))

(2012/C 50 E/09)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009)0611),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0259/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interstituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejnin bħalissa" (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Mejju 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
- Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrullur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tal-4 ta' Frar 2010 ⁽²⁾,

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU C 132, 21.5.2010, p. 1.

It-Tlieta 21 ta' Settembru 2010

- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-30 ta' Ġunju 2010 li l-posizzjoni tal-Parlament tiġi approvata, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0195/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P7_TC1-COD(2009)0170

Posizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Settembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 996/2010.)

Is-sigurtà tal-provvista tal-gass *I**

P7_TA(2010)0322

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE (COM(2009)0363 – C7-0097/2009 – 2009/0108(COD))

(2012/C 50 E/10)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0363),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0097/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejnin bħalissa" (COM(2009)0665),